Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Numru 123/2004

Il-Pulizija
(Spett Mario Tonna)

Vs

Omar Mallia bin Louis u Alfrida nee Borg Imw/Pieta fid-9 ta' Dicembru 1976 u Joq/124 Flat 2 St Christopher Street Valletta detentur ta' Karta ta' l-identita Nru 65377 (M)

LLUM IT-TLIETA 17 TA' FRAR 2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Omar Mallia fl-atti tal-kumpilazzjoni talli:

1 Gewwa San Giljan u Swieqi nhar il-4 u 5 ta’ Frar 2004, b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda fil-hinijiet ta’ fil-ghodu kkommetta serq ta’ Geyser tal-Marka Ariston a detriment ta’ Forestals Ltd (Albert Bonnici), u ta’ diversi oggetti ta’ prodotti ta’ manifattura minn gewwa vettura JAS 771 a detriment ta’ Jason John Scerri liema serq Maltin ikkwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 271(g) u 281(a) u 18 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2 U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi kien fil-pussess ta’ hwejjeg misruqa u xejntement laqa’ l-istess oggetti ghandhu sabiex jmexxihom, ibieghhom jew jghamel gwadann minnhom meta jkun jaf li gejjin minn reat, u dan ai terminu tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3 U aktar talli nhar 16 ta’ Frar 2004 u fil-granet ta’ qabel kellhu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4 U aktar talli nhar is-Sibt 14 ta’ Frar 2004 fil-ghodu gewwa l-fond maghruf bhala Detox Centre gewwa l-Isptar San Luqa bil-hsieb li jttellef jew jnaqqas il-gieh tas-Superintendent Neil Harrison immalafamah bil-kliem u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 252 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Bil-Qorti mitluba sabiex tittratta ma l-imputat li huwa ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li saru definittivi u aktar talli kiser l-ordnijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti meta ukoll qieghed taht ordni ta’ sentenza sospiza u cioe talli:

1 Nhar l-1 ta Frar 2000 instab hati ta’ serq aggravat u ikkundannat 18 il-xahar prigunerija mill-Qorti tal-Magistrati Preseduta mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera LLD;

2 Nhar it-18 t’Ottubru 2001 instab hati talli ghamel uzu minn ismijiet foloz jew intraprizi foloz u kkundannat 9

xhur prigunerija mill-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dr A. Lofaro LLD;

3 U aktar talli nhar is-17 ta’ Ottubru 2002 instab hati ta’ misapproprijazzjoni u kkundannat sena prigunerija sospiza ghall tlett snin mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr J. Padovani Grima LLD.

Rat li l-imputat, wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453 wissietu bil- konsegwenzi legali tat-twegiba tieghu u tghatu zmien biex jikkonsidra, stqarr li huwa hati ta’ reati dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 392 (a) (2) u ghalhekk qed tghaddi sabiex bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tghati lill-akkuzat is-sentenza skond il-ligi.

Ghalhekk fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 261, 271 (g), 281 (a), 18, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali tikkundannah ghall seba’ (7) xhur prigunerija fuq l-ewwel imputazzjoni tenut kont ukoll tar-recidiva kontemplata fil-hames (5) imputazzjoni u tirrikommanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jippermetti l-attendenza tal-imputat ghal xi programm ta’ riabilitazzjoni u disintossikazzjoni: u tilliberah mit-tieni (2) imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni

Wara li rat l-Artikolu 13 tal-Kap 66 tikkundannah ghal Lm25 Multa fuq it-tielet (3) imputazzjoni u tordna il-konfiska tal-mus esibit.

Wara li rat il-verbal tal-lum u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tikkundannah ghal Lm10 Amenda fuq ir-raba (4) imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 28 b (2) (b) tordna, minhabba il-bzonn tal-imputat biex jiddisintossika ruhu u l-probabilita li ser jattendi programm ta’ riabilitazzjoni u disintossikazzjoni, li minflokk il-perjodu operattiv specifikat fl-ordni ta’ sospenzjoni fis-sentenza tas-17 t’Ottubru 2002 japplika perjodu operattiv iehor ta’ zmien li jkun jiskadi fi zmien tlett (3) snin mil-lum u tordna li din is-sentenza

flimkien mall-atti tal-kawza jintbaghtu lill- Avukat Generali fi zmien sitt (6) ijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------